MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2489/2000/1

**Mario u Simone konjugi Gauci.**

**-vs-**

**Roger Satariano & Son Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-22 ta’ Novembru 2000 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi xtraw minghand is-socjeta’ konvenuta kamra tal-banju kif ukoll materjal iehor konness ma’ l-istess kamra tal-banju, liema materjal kien gie ikkonsenjat lill-istess atturi.

Illi irrizulta, anke minn parir tekniku hekk kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u immarkat bhala Dok. A, illi parti mill-konsenja ma kienitx tal-kwalita' pattwita u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Illi saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju bejn il-partijiet, liema negozjati ma wasslu ghal ebda ftehim finali u definittiv.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi parti mill-konsenja tal-kamra tal-banju kif ukoll materjal iehor konness ma' l-istess kamra tal-banju mibjugh mis-socjeta' konvenuta lill-atturi ma kienx tal-kwalita' pattwita.

2. Tillikwida l-ammont mill-prezz imhallas mill-atturi lis-socjeta' konvenuta ghall-konsenja imsemmija li ghandu jitnaqqas minhabba l-fatt li parti minn din il-konsenja ma kienitx tal-kwalita' patwita u dana bazi ta' stima ta' perit kif kontemplat fl-artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta trodd u thallas lill-atturi dik il-parti tal-prezz hekk likwidata ai fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja, kontra socjeta' konvenuta.

Rappresentanti tas-socjeta' konvenuta minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-12 ta' Frar 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi tal-Artikolu 1407 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suecipit, illi l-azzjoni attrici hija inammissibbli stante li l-atturi kienu accettaw il-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni u kien biss wara hafna zmien li ssollevaw il-pretenzjoni taghhom.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suecipit, illi l-oggetti mibjugha u konsenjati lill-atturi kienu mifthema bejn il-partijiet.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Dr. Anthony Vella u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher il-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 1407 tal-Kap 12. Dan jghid li azzjoni li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqas mill-prezz jew biex jerga' lura mill-kuntratt preskritta wara sentejn. Il-partijiet jaqblu li l-

azzjoni intentata mill-atturi hija dik skond l-artiklu 1390 tal-kap 12 u cioe' l-hekk imsejjha kawza tal-kwalita' pattwita. Din l-azzjoni tmiss lix-xerrej meta l-oggett mibjugh ma

jkunx tal-kwalita' li l-partijiet ikunu ftehmu meta sar il-kuntratt.

Huwa minnu li l-artiklu 1407 jghid li s-sentejn jibdew jiddekorru minn meta jsir il-kuntratt, izda l-Qorti hija tal-fehma li dan l-artiklu huwa ukoll soggett ghall-artikoli generali dwar il-preskrizzjonijiet u senjatament l-artiklu 2133 li jghid li l-preskrizzjoni tigi interrotta meta jkun hemm rikonoxximent da parti tad-debitur ghad-dejn in kwistjoni.

F'dan il-kaz, jidher li l-kuntratt sar fl-1996 u circa sena wara l-atturi dehrilhom li l-madum li xtraw ma kienx skond dak li riedu jordnaw jew li ftehmu dwaru mal-konvenuti. Jidher li saru diversi laqghat bejn il-partijiet bil-ghan li l-vertenza tigi risolta. Dan ma jfissirx li b'daqshekk il-preskrizzjoni giet interrotta ghaliex tali rinunzja da parti tal-konvenut trid tkun cara. Barra minn hekk jekk jigi argumentat dan il-partijiet ikunu propensi ma jaghmlux laqghat simili minhabba l-biza' li jkunu qed jirrinunzjaw ghall-preskrizzjoni u laqghat simili jsiru dejjem minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet.

Il-Qorti f'cirkostanzi simili trid tkun certa li tiddecidi b'mod li fil-waqt li ma tiskonsiljax fil-futur li jisru laqghat ghal skopijiet ta' transazzjoni ta' vertenzi, ma thallix lill-venditur jinqeda b' dawn il-laqghat biex jillusinga lix-xerrej u wara illi jghaddi l-perjodu preskrittiv jiddeciedi li ma jkomplix bil-laqghat ghaliex ihossu salv minn kull azzjoni kontra tieghu fir-rigward. Dan ma hux attegjament leali lejn min ikun xtara minghandu u certament mhux konducenti ghal gustizzja.

Il-Qorti taghti importanza kbira lix-xhieda tal-Avukat Dottor Austin Bencini li kien l-Avukat ta' fiducja tal-atturi u li qal li sas-sena 2000 stess u cioe' meta giet intavolata l-kawza kien irrediga ftehim li permezz tieghu il-konvenuti kienu jhallsu s-

somma ta' Lm942 a saldu, somma li zgur ma kienitx proposta unilaterlment u li dwarha kien hemm diskussjoni. Hu minnu li finalment il-konvenuti ma accettawx il-ftehim u certament dan ma jikkostitwixxi ebda ammissjoni, izda hu indikattiv li certu rikonnoximent li kien hemm xi haga dovuta kien hemm – naturalment l-atturi ikunu jridu jipprovaw dan fit-trattazzjoni tal-kawza.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmelina Vella vs Anthony Borg (16 ta' Settembru 1994) intqal illi;

*Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu..*

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz dan sar.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna li l-kawza titkompla.**

**Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------